MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' April, 2010

Numru 875/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**vs**

**PAUL CALLEJA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Paul Calleja ta’ 54 sena imwieled Birkirkara nhar is-06 ta’ Dicembru, 1953, bin Anthony u Maria nee’ Zammit, u residenti Massabielle, Triq Ganni Vella, Mosta, detentur ta’ Karta ta’ l- identita Nru. 2654(M).

Billi gie akkuzat talli;

1) nhar il-21 ta’ Lulju. 2005 gewwa l-i’Splash and Fun Park’, Bahar ic-Caghaq u minn inhawi ohra f’dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta’ ghodda u xi oggetti ohra ghad-detriment ta’ Patrick Vella u persuni ohra liema serq huwa serq semplici.

2) nhar is-16 ta’ Lulju, 2005 gewwa Triq in-Nahal, Naxxar u f’ inhawi ohra f’Malta ikkommetta serq semplici cioe’ serq ta’ gebel tas-sejjieh ghad-dannu ta’ John Vasallo, Victor Chetcuti u persuni ohra.

3) talli f’dawn il-gzejjer fix-xhur ta’ qabel is-16 ta’ Lulju, 2005 xjentement laqa’ ghandu jew xtara, hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal sabiex ibiegh jew imexxi dawn l-oggetti, u dan ai termini tal-artikolu 334(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4) u aktar talli nhar is-16 ta; Lulju, 2005 gewwa Triq in-Nahal, Naxxar u f’inhwai ohra f’dawn il-gzejjer hatt hitan tas-sejjieh jew qieghed f’periklu b’kull mezz li jkun, l-istabilita’ u s-shuhija ta’ xi hajt tas-sejjiegh jew ta’ xi kostruzzjoni, struttura jew fond rurali, jew li ma halliex l-ilma tax-xita jghaddi gieri minn go bienja tal-hajt tas-sejjiegh, jew li jimmina s-sisien ta’ xi hajt tas-sejjiegh, jew kostruzzjoni, struttura jew fond rurali u dan ai termini tal-A.L. 160 tal-1997 tar-Regolamenti ta’ l-1997 dwar Hitan tas-Sejjiegh u Strutturi Rurali.

5) aktar talli nhar il-21 ta’ Lulju, 2005 u fil-gimghat ta’ qabel, f’dawn il-gzejjer saq vettura b’numru tar-registrazzjoni LCF 275, minajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga mil-Kummissarju tal-Pulizija jew mil-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta u dan bi ksur tal-Artikolu 15 (1) (a) (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, aktar talli b’hekk ma kienx kopert b’polza ta’ sigurta dwar terzi persuni, u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

u aktar talli sar recidiv bdiversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi huma defenitivi u ma jistwax jigu mibdula.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok KF3 u nnutat li l-imputat Paul Calleja ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu li sar fis-Seduta tallum wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tielet akkuza migjuba kontra tieghu liema akkuza tirrigwarda ricettazzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi ta’ l-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tielet akkuza migjuba kontra tieghu liema akkuza tirrigwarda ricettazzjoni.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li it-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda ricettazzjoni inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel u t-tieni akkuzi migjuba kontra l-imputat u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tielet akkuza migjuba kontra l-imputat.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 284 u 285 tal-Kap. 9 u ir-Regolamenti 5(2) u 8(1)(a) tal-Avviz Legali 160 ta’ l-1997, l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap.65 u l-artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Paul Calleja, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tielet akkuza migjuba kontra tieghu liema akkuza tirrigwarda ricettazzjoni u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza il-fedina penali xejn felici tal-imputat, tikkundanna lill-imputat Paul Calleja ghall-piena komplessiva ta’ tlett (3) xhur prigunerija u elfejn, sitt mija u tmienja u sebghin Euro

u tmienja u sebghin centezmi ta’ Euro (Euro 2678.78) multa.

Inkwantu ghat-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda ricettazzjoni, fid-dawl ta’ dak mitlub u dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din l-akkuza kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-imsemmija tielet akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda ricettazzjoni.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiskwalifika lill-imputat Paul Calleja milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien sena millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------